MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1131/1998/1

**Dingli Co. International Ltd. bhala**
**Agent f' Malta, ghan-nom u in rappresentanza**
**Tas-socjeta' estera The Performing Right Society**
**Limited ta' Londra, Ingilterra.**
**Vs**
**Eden Leisure Group Limited**

**Il-Qorti**,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet:

Peress illi s-socjeta' konvenuta, permezz ta' l-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem “Bay Radio”, liema stazzjon jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza lilha allokata 89.7 Mhz FM, xandret jew gieghlet lil hadd iehor ixandar f'Malta sa mill-1 ta' Jannnar, 1996, u ghadha qieghda xxandar jew iggieghel lil haddiehor ixandar f'Malta, diversi xogholijiet muzikali tutelati ossia

"*copyright*" u debitament ikkontrolati mis-socjeta' attrici, a rigward ta' liema xogholijiet is-socjeta' attrici tgawdi d-dritt esklusiv ghall-kontroll f'Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi;

U peress illi ghall-fuq imsemmi xandir is-socjeta' konvenuta ma kienitx applikat ghal, u wisq anqas ottjeniet, il-licenzja relattiva minghand is-socjeta' attrici skond kif kien mehtieg a tenur tad-dispozizzjonijet tal-Artikolu 13(1) tal-Att Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta);

U peress illi b'hekk is-socjeta' konvenuta giet li ttrasgrediet u ghadha qieghda tittrasgredixxi d-drittijiet ta' l-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta' attrici;

U peress illi b'konsegwenza ta' din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta' konvenuta tad-drittijet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta' attrici l-istess socjeta' attrici soffriet danni konsiderevoli, senjatament in-nuqqas ta' hlas tar-"*Royalties*" lilha dovuti skond it-Tariffi taghha vigenti filwaqt il-perjodu kollu tat-trasgressjoni;

U peress illi nonostante illi s-socjeta' konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi, anke gudizzjarjament, sabiex tottempora ruha mal-ligi billi tapplika ghal u tottjeni l-hrug tal-licenzja relattiva, l-istess socjeta' konvenuta baqghet ghal kollox inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex, ghar-ragunijet premessi:-

1) M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti illi s-socjeta' konvenuta ttrasgredixxiet d-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta' attrici billi sa mill-1 ta' Jannar, 1996, u permezz ta' l-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem "Bay Radio", liema stazzjo tar-radju jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza ta' 89.7 Mhz FM, xandret jew gieghlet lil hadd iehor jxandar f'Malta, dawk l-istess xogholijet muzikali – a rigward ta' liema xogholijiet is-socjeta' attrici tgawdi d-dritt esklusiv ghall-kontroll f'Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi;

2) M’ghandiex dina l-Onorabbli Qorti tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici bhala konsegwenza ta’ din it-trasgressjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta’ attrici;

3) M’ghandhiex is-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex thallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta’ danni sofferti mis-socjeta’ attrici bhala konsegwenza ta’ din it-trasgrssjoni da parti tas-socjeta’ konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta’ attrici; u

4) M’ghandhiex is-socjeta’ konvenuta tigi inibita milli ixxandar jew iggieghel lill-hadd iehor ixandar dawk ix-xogholijiet kollha tutelati ossia “*copyright*” u kkontrollati mis-socjeta’ attrici u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet l-hrug tal-licenzja relattiva minghand is-socjeta’ attrici, u dana a bazi u ghall-finijiet tad-dispozizjonijiet tal-Att Dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta’ Malta) – that il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni tal-ordni li jigi moghti fuq dina d-domanda;

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-Ittra Ufficjali tat-12 ta’ Jannar, 1998, kontra is-socjeta’ konvenuta li hija ngjunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha s-socjeta’ konvenuta eccepiet:

1. Illi in linea preliminary is-socjeta’ attrici ghandha tipprova il-mandat taghha u li l-persuna li ffirmat il-mandat hija awtorizzata biex taghmel dan skon l-istatut tal-istess Performing Rights Society Limited fin-nuqqas ta’ liema prova is-socjeta’ konvenuta ghandha tigi liberate mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi, ukoll in linea preliminary, s-socjeta’ attrici ghandha tipprova l-interess giuridiku taghha biex tagixxi u dana billi tipproduci kopji awtentici tad-‘deeds of assignment’ u li l-istess kienu ghadhom fis-sehh fil-mument illi giet intavolata l-azzjoni;

3. Illi ghandu jigi pruvat mis-socjeta’ attrici illi fil-mument illi giet intavolata l-azzjoni odjerna ic-cessjonant kellu d-drittijiet li s-socjeta’ attrici qeghda tesercita f’ismu;
4. Illi kwantu ghall-merti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigi michuda stante illi s-socjeta’ attrici mhux minnu illi soffriet xi forma ta’ danni;
5. Illi kwantu ghat-tielet u r-raba’ talba u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost is-socjeta’ attrici ghandha, b’mod esawrjenti tindika liema xogholijiet huma dawk allegatament kontrollati minnha u inoltre ghandha ggib il-prova tal-awtorita’ illi hija tallega illi ghandha u dana stante illi s-socjeta’ attrici ma tistghax u mghandha ebda dritt tippretendi li s-socjeta’ konvenuta tigi inibita minnghajr indikazzjoni ben preciza fuq liema xogholijiet hija qed tigi hekk inibita.
6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap.12 u dan bi trapass ta’ oltre sentejn mill-ahhar allegata trasgressjoni tad-drittijiet tal-awtur vantata mis-socjeta’ attrici;

Rat l-atti kollha;
Semghet xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-eccezzjoni biennali kontemplata fl-Artikolu 2153 tal-Kap.12 sollevata mis-socjeta’ konvenuta fi stadju finali ta’ dan il-procediment.

Illi l-imsemmi artikolu jiddisponi li l-azzjoni ghad-danni mhux kagunati b’ reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn; minn naha taghha s-socjeta’ attrici ssostni li, ghalkemm mhux kontestat il-fatt tad-dekorriment tal-perijodu ta’ sentejn mill-1 ta’ Jannar 1996, il-perijodu preskrittiv gie interrott b’ pagamenti akkont li saru wara din id-data u anke fil-mori tal-proceduri odjerni u dan ai termini tal-Artikolu 2134 tal-Kap.12

Illi mill-ezami tal-provi f' dan ir-rigward, jirrizulta li l-attrici fl-att tac-citazzjoni qed tallega li l-allegata vjolazzjoni tal-*copyright*, bix-xandir mhux awtorrizzat, tirrizali ghal-1 ta' Jannar 1996 u li fid-data tal-prezentata tal-att imsemmi att fil-25 ta' Mejju 1998 dan ix-xandier kien ghadu qed isir.

Illi l-att gudizzjarju fuq imsemmi kien gie notifikat lis-socjeta' konvenuta fit-22 ta' Ottubru 1998; izda mill-provi rrizulta li fit-12 ta' Jannar 1998 kienet giet prezentata ittra ufficjali li giet notifikata lill-konvenuti fl-20 ta' Jannar tal-istess sena.

Illi mill-provi jirrizulta inkontestat li mill-1 ta' Jannar 1996 kienu saru zewg pagamenti akkont, mis-socjeta' konvenuta lill-atturici, u cioe' wiehed fil-11 ta' Dicembru 1996, u l-iehor fit-23 ta' Gunju 1998 wara l-prezentata tac-citazzjoni.[1]

Illi mill-premess jirrizulta car li l-perijodu preskrittiv ta' sentejn mill-1 ta' Jannar 1996 gie interrott, kemm bil-pagament tal-11 ta' Dicembru 1996, kemm bin-notifika tal-ittra ufficjali, kemm bil-prezentata u notifika tal-att tac-citazzjoni, kif ukoll bil-pagament sussegwenti tat-23 ta' Gunju 1998; u dan apparti mill-fatt li dak li qed jigi allegat mill-atturi huwa ksur kontiwu tad-drittijiet tal-awtur li kienu skond il-pretensjoni taghhom fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, f'Mejju 1998, kienu ghadhom isehhu.

Illi in vista tal-premess l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta hija insostenibbli fattwalment u legalment, u qed tigi respinta, bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Affidavit John Dingli Fol.23, u Ittra Dok.D Fol.39